



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2018 – Czarnecki vs Il-Parlament

(Kawża T-230/18 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Dritt istituzzjonali – Viċi President tal-Parlament Ewropew –  
Deċiżjoni tal-Parlament li jtemm il-mandat ta' Viċi President – Talba għal miżuri provviżorji –  
Ordni – Inammissibbiltà”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-ġħoti – Fumus boni juris – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Natura kumulattiva – Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni – Ordni ta' eżami u metodu ta' verifika – Setgħa diskrezzjonali tal-Imħallef għal miżuri provviżorji*

(Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punti 9-12)

2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà – Interess tar-rikorrent li jikseb is-sospensjoni mitluba – Deċiżjoni amministrattiva negattiva tal-Parlament Ewropew li tapprova t-tmiem antiċipat tal-funzjoni ta' Viċi President tal-Parlament eżerċitata mir-rikorrent – Sospensjoni li ma tistax tbiddel is-sitwazzjoni tar-rikorrent – Nuqqas ta' interess ġuridiku – Inammissibbiltà*

(Artikolu 278 TFUE)

(ara l-punti 16, 17, 19))

3. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà – Rikors – Rekwiżiti formali – Indikazzjoni preċiża tas-suġġett tat-talba*

(Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punti 23-26)

## **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2018 li tapprova t-tmiem antiċipat tal-funzjoni ta' Viċi President tal-Parlament tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, sabiex il-Parlament jiġi ordnat iżomm il-mandat ta' Viċi Presenti tal-Parlament tar-rikorrent.

## **Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.